MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 197/1996/1

**Marvin Debattista**
**vs**
**Anthony Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur stante incident awtomobilistiku li sehh bejniethom fit-22 ta’ Marzu 1995 fi Vjal ir-Rihan San Gwann fis-7.45am liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u l-imghax u kontra il-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta’ kompetenza gie ddikjarat li d-danni ma jeccedux il-mitejn Lira Maltin (Lm200).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha ecepixxa bir-rispett :

1. Illi t-talba attrici ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza ma garax htija ta' l-eccipjent, izda unikament htija ta' l-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjoniiiet ohra premessi mil-ligi

Rat l-atti kollha tal-kawza

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-<u>iskizz</u> esebit in atti mill-Ufficjal tal-Pulizija <u>PS845 (P) Cini</u> (fol 21 tal-atti) tidher li l-lokalita li fiha grat din il-kollizjoni ossija Vjal ir-Rihan, it-triq principali f'San Gwann, kif kienet pero, meta gara l-incident in ezami. Fuq l-istess skizz, li ma giex kontestat mill-partijiet involuti, kif rizultanti mix-xhieda moghtija minnhom, hemm murija, il-posizzjoni taz-zewg vetturi nvoluti wara l-istess kollizjoni. Jigi nnutat li l-istess vetturi jinsabu mal-linja medjana tal-istess triq, liema linja hi fil-maggorparti kontinwa hlief ghal sezzjoni zghira, immedjamatent quddiem it-triq laterali ossija Vjal in-Naspli.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 22, fol 29 u fol 86 es seq ibid) isostni li hu kien qed isuq il-vettura numru B 4063, fid-direzzjoni ta' San Gwann stess. Fi kliemu stess '. . . f'daqqa u l-waqt, meta jiena kont qieghed fuq in-<u>naha ta' barra</u> tat-triq tan-naha tieghi, <u>qabzitni</u> karozza numru M 0685 (misjuqa mill-konvenut u laqtitni'. Fil-kontroezami hu specifika li '… jiena lqattu minhabba l-fatt illi qaghtali t-triq u allura jiena gejt li dhalt fih u ghalhekk jiena hbatt ma' quddiem fuq ix-xellug tal-karozza tieghu fin-nofs qisu bejn wiehed u iehor fuq ix-xellug tieghu.' Meta gie prodott, in kontroesami hu rega sostna illi 'Kontinwament, fl-istess triq, kont fuq in-naha ta' barra . . . . mal-white line' In oltre meta kien ra, ghall-ewwel darba il-'van' misjuq mill-konvenut, dan kien 'ghadu fuq barra tal-istess triq' u li '. . . l-'van' tal-Gvern

qalghani 'on my right' fis-sens li qabez il-'continuous white line'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, permezz ta' affidavit sottomess minnu u li jinsab a foll 79 tal-istess atti, kontrarjament ghal dak li xehed l-attur, jsostni li dan kien quddiemu max-xellug tat-triq 'waqt li kien hu stess li kien fuq in-naha ta' barra. Hemm hekk kif kienet it-triq meta gara l-incident zewg karozzi setghu jghaddu ma' genb xulxin fuq l-istess kareggjata. Hu kompla jghid li l-attur kien qed isuq bil-mod. Ghalhekk hu ddecieda li jissorpassa, u ghal dan l-iskop daqq il-horn. Pero kif kien qed jesegwixxi din il-manuvra l-attur dar il-barra lejn il-lemin minflok kompla jsuq ghad-dritt u laqat il-'van' misjuq minnu. Il-konvenut spicca billi xehed li fl-ebda hin, ma qabez il-linja bajda kontinwa waqt li l-attur fl-ebda mument ma kien fuq in-naha ta' barra tat-triq.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess u sabiex tara liema versjoni hi fuq bazi ta' probabilta' l-aktar li tirrispekkja dak li effettivament gara f'dan il-kaz, il-Qorti striehet fuq l-iskizz imsemmi, li kif diga inghad, ma giex kkontestata minnu, jidher li fil-fatt, il-vettura misjuqa mill-attur tinsab fuq barra tat-triq, mal-linja bajda kontinwa, kif xehed l-istess attur waqt li l-'van' misjuq mill-konvenut jinsab ukoll fuq l-istess naha mal-linja. Din il-posizzjoni tal-vetturi nvoluti, wara l-habta tindika b'mod car u evidenti li l-attur, bilfors kien kif sostna hu fix-xhieda tieghu. Kieku tigi accettata l-verzjoni tal-konvenut, il-vettura misjuqa mill-attur kienet tkun fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Ghalhekk a basi ta' dan, il-Qorti tinsab konvinta li dak li xehed l-attur jirrispekkja dak li verament gara f'dan il-kaz fis-sens li l-konvenut waqt li kien qed jissorpassa fuq barra u oltre il-linja bajda kontinwa, ikkawsa din il-kollizjoni.

Ikkundistrat

Illi in rigward il-likwidazzjoni tad-danni kagunati fuq il-karozza ta' l-attur, a bazi tax-xhieda ta' dan (ara fol 29 et seq ibid) kif ukoll ta' George Zerafa (fol 36 et seq ibid kif ukoll a fol 54 u 61 ibid) u ta' Godwin Savona (fol 71 ibid) jirrizulta li, il-hsara, relatati biss u limitatament ghal dan l-incident kien, effettivament, jammonta ghal Lm91.50,0

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u
1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm91.50,0
3. tikkundanna lill konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' LM91.50,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------